MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 303/2005

**Untours Insurance Agents Limited**

**Vs**

**John Sultana u Josephine Sultana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) rapprezentanti *excess* ta' assigurazzjoni fuq vettura.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti fl-ewwel lok qalu li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fit-tieni lok qalu illi m'humiex responsabbli ghall-ebda incident stradali.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Raymond Schembri fejn jikkonferma li l-konvenut John Sultana kellu incident meta kien l-Olanda. Jikkonferma li s-socjeta' attrici kienet harget *invoice* f'isem il-konvenut sabiex ihallas l-*excess*. Jghid illi l-konvenut ma baqax jinxurja ma' l-istess socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' John Sultana fejn jghid illi ommu Josephine Sultana m'ghandhiex x'taqsam ma' din il-kawza.

Jikkonferma li kellu incident kbir bit-trakk f'Parigi izda dan ma kienx tort tieghu filwaqt li fl-Olanda kellu incident iehor li kien tort tieghu. Jghid illi huwa kien ghamel *claim* ghat-tnejn li huma.

Jghid illi s-socjeta' attrici nfurmatu li kellu jhallas tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) sabiex jaghmel *claim* in konnessjoni ma' l-incident ta' l-Olanda biex ikun jista' jaghmel *claim* in konnessjoni ma' l-incident ta' Parigi. Jghid illi peress li l-incident ta' Parigi ma kienx tort tieghu, hu ppretenda li dawk it-tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) imorru ghall-*claim* li ghamel ta' l-Olanda.

Jikkonferma li qatt ma rcieva minghand is-socjeta' attrici rigward il-*claim* ta' Parigi.

**Ikkunsidra**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti jghidu li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu ma japplikax ghall-fatti in kwistjoni.

Illi t-tieni eccezzjoni hija li l-konvenuti m'humiex responsabbli ghall-ebda incident stradali u kwindi jsegwi li m'ghandhomx ikunu kkundannati jhallsu l-ebda danni.

Illi f'din il-kawza m'hemmx talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' ta' xi incident izda talba ghall-hlas ta' *excess* in vista tal-polza ta' assigurazzjoni.

Illi bhala fatt il-konvenut ammetta li ghamel zewg *claims* lil Untours Insurance Agents Limited. Illi la ghamel il-*claim* ghandu bilfors ihallas l-*excess*.

Illi dwar il-konvenuta Josephine Sultana jirrizulta li ma saret l-ebda eccezzjoni differenti mill-eccezzjoni tal-konvenut John Sultana. Illi jirrizulta mix-xhieda mhux ikkontestata li Josephine Sultana hija omm John Sultana u mhux martu. Illi ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba fil-konfront ta' Josephine Sultana. Illi bhala fatt John Sultana kien l-assigurat u l-kont hareg kontra John Sultana u ghaldaqstant Josephine Sultana giet imharrka inutilment.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' John Sultana biss u jikkundanna lill-istess John Sultana biex ihallas lil Untours Insurance Agents Limited l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------